**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA TAT-22 ta' Gunju, 2001**.

Citazzjoni Numru 818/01GC

fl-ismijiet:

**Miller Distributors Limited**

**Vs.**

**M.A. Supermarkets Limited**

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici tinsab kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' tlett elef seba mija u sitta u sebghin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm3776.38) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' elf disa mija u hamsa u hamsin liri maltin u seba u hamsin centezmu (Lml955.57) l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' gazzetti, magazines, rivisti u kwotidjani ohra; u in kwantu ghas-somma ta' elf tmien mija u ghoxrin liri maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lml820.81) il-bilanc dovut fuq il-prezz ta' merkanzija ohra lilha mibjugha u ikkonsenjata mis-socjeta attrici lkoll fuq inkarigu ta' l-istss socjeta konvenuta;

Illi ghalkemm debitament interpellata biex thallas dan l-ammont, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12) m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef seba mija u sitta u sebghin liri maltin u tminja u tletin centezmu (Lm3776.38) fuq imsemmija.

Bl-ispejjes, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma dheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher wkoll li hem lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-inghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur